

- għaliex il-proċedura speċifika stabbilita fit-Trattat FUE għiet evitata sabiex jiġu affaċċjati ċ-ċirkustanzi tal-każ. Sa fejn segwiew il-proċedura ta' regolament b'kontroll u mhux il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Kummissjoni wettqet ksur tal-forom proċedurali sostanzjali fil-proċedura ta' adozzjoni tar-regolament ikkontestat, li huwa vvizzjat b'nuqqas ta' kompetenza;
- fl-aħħar nett, l-imsemmi regolament lanqas ma huwa fl-interess tal-Unjoni.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2016 – Axiom vs Il-Parlament

(Kawża T-382/16)

(2016/C 326/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Axiom (Oberschaeffolsheim, Franza) (rappreżentant: N. Deleau, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju 2016 li permezz tagħha il-Parlament Ewropew iddeċieda li jelimina l-offerta tal-kumpannija Axiom mill-proċedura għall-għoti ta' kuntratti;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ħlas lill-kumpannija Axiom tas-somma ta' EUR 4 000 abbażi tal-Artikoli 133 *et seq.* tar-Regoli tal-Proċeduri;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha ta' din l-istanza.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-illegalità esterna tad-Deċiżjoni D 201714 tal-Parlament Ewropew, tad-9 ta' Ġunju 2016, li tinċaħad l-offerta ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għal offeriti 06D30/2015/M064, li tikkonċerna il-proċedura "Franza-Strasbourg: Kuntratt qafas ta' xogħol ta' tneħħija tal-asbestos mill-bini tal-Parlament Ewropew fi Strasbourg" (ĠU 2015/S 242-438527) u tad-deċiżjoni li dan il-kuntratt jingħata lil offerenti oħra (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kkontestata"), sa fejn il-persuna li ffirmat l-ittra indirizzata lir-rikorrenti u li tinkludi d-deċiżjoni kkontestata ma kienet tibbenefika minn ebda delega ta' setgħa li hija neċessarja sabiex din tkun permessa torbot lill-awtorità kontraenti, jiġifieri lill-Parlament Ewropew.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-illegalità interna tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn l-eliminazzjoni tal-offerta tar-rikorrenti ma hijiex konformi mal-Artikolu 158(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u għaldaqstant ma hijiex iġġustifikata.